MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2010

Numru 659/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**RONNIE (RONALD) AZZOPARDI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Ronnie (Ronald) Azzopardi ta' 33 sena, bin Mario u Doris nee Attard, mwieled Pieta nhar it-02 ta' Frar 1972 u residenti gewwa 2, Kortina San Nikola, Bormla, detentur tal-karta ta' identita bin-numru 82072M

Billi gie akkuzat talli nhar is-16 ta' April 2005 u matul il-granet u gimghat ta' qabel, f'dawn il-gzejjer ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor

falsifikat (licenzja tat-triq ta' karozza) u dan ai termini tal-Artikoli 189 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikoli 17 u 31 tar-Regolamenti tal-1994 dwar Vetturi bil-mutur (A.L. 128/1994) u tal-Artikoli 15 (1) b tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obligi f'dawk l-atti jew skrittura wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zid jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom fihom jew kellhom jippruvaw u xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u dan ai termini tal-Artikolu 183 u ta' l-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer saq vettura mhux licenzjata mill-Awtorita tat-Trasport Pubbliku jew mill-Kummisarju tal_pulizija u meta ma kienx kopert b'polza ta assikurazjoni ghar-riskji ta' terzi persuni.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok DZ3 u nnutat li l-imputat Ronnie (Ronald) Azzopardi m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-

ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikoli 17, 189, 183 u 184 tal-Kap. 9, ir-Regolament 51 tal-Avviz Legali 476 ta' l-2004, l-art. 15 (1) (a) u 15 (1A) tal-Kap. 65 u artikolu 3 tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Ronnie (Ronald) Azzopardi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza il-fedina penali u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Ronnie (Ronald) Azzopardi ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija u mija u sbatax Euro (Euro 117) multa u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandiex tibda sehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum l-imputat Ronnie (Ronald) Azzopardi jikkometti reat iehor punibli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Ronnie (Ronald) Azzopardi milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Ronnie (Ronald) Azzopardi l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------